MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 244/2009

**Il-Pulizija**
**(Maggur 227 Chalker)**
**Vs**
**Maria Rosario Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta’ Frar, 2009 ghall-habta ta’ 08.12 hrs fil-Mosta
1. halliet jew ippermettiet lil Carmel Stafrace jsuq vettura numru LVY-173 ta’ ghamla “Toyota” u lil Mark Anthony Sammut isuq vettura numru SVY-001 ta’ ghamla “Ford” u li jaghmlu uzu minn licenzja ta’ vettura li b’kitba, tpingija jew b’mod iehor, biddlet, hassret, sfigurat jew ziedet xi haga f’licenzja ta’ xi vettura bil-mutur jew qeghedet fuq vettura licenzja li tkun gie mibdula, imhassra, sfigurata jew li kien gie mizjud xi haga fiha;
2. halliet jew ippermettiet lil Carmel Stafrace jsuq vettura numru LVY-173 u lil Mark Anthony Sammut isuq

vettura numru SVY-001 meta l-imsemmija vetturi ma kienux licenzjali mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex jintuzaw fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);
3. kif ukoll halliet jew ippermettiet lil Carmel Stafrace jsuq l-imsemmi van numru LVY-173 minghajr il-pjanca tan-numri tar-registrazzjoni ta' quddiem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 15a, 34, 51(3) u L.N. 476/2004 u l-artikolu 42 tal-Kap. 9, ma sabitx lill-appellata hatja tal-akkuzi u lliberata minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tiddeciedi l-appell ai termini tal-Ligi u tghaddi biex isib lill-appellata hatja ta' l-akkuzi migjuba kontriha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament siewi tal-provi migjuba quddiemha. Fis-sentenza erogata minnha suriferita, l-Qorti qalet li "*rat illi mill-provi prodotti l-akkuzi ma gewx ippruvati lanqas remotament*" (vide sentenza appellata) w konsegwentement illiberat lill-appellata mill-akkuzi dedotti kontra taghha.

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' verbal tat-18 ta' Jannar, 2010 l-appellata eceppiet in-nullita' ta' l-appell tal-Avukat Generali peress ili filwaqt li l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell minn kull decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati fl-isfond tal-artikolu 63 tal-Kap. 65 dan id-dritt mhuwiex estiz ghall-legislazzjoni

sussidjarja w dana peress illi l-appellata hija addebitata bi ksur tar-regolamenti ta' l-A.L 476/04.

Ikkunsidrat :

L-artikolu 63 tal-Kap. 65 gie introdott permezz tal-Att XXIII/2000 u li jaghti d-dritt ta' appell li l-Avukat Generali minn kull decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati dwar procedimenti li jinqalghu mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku.

Mhuwiex kontestat li l-A.L. 476/04 gie fis-sehh bis-sahha tal-artikolu 32 ta' l-Att Dwar l-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta w l-artikolu 54 ta' l-Ordinanza Dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, fejn allura l-Kap. 65 huwa wiehed mill-"parent acts" tar-regolament imsemmi A.L. 476/04.

L-Avukat Generali fir-risposta tieghu kkwota sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Gilmore Cachia 31-07-08 illi rriaffermat il-principju li r-regolamenti maghmula taht il-Kap. 65 (kif ukoll taht il-Kap. 104) ma jistghux jidderogaw dak li tipprovdi l-ligi principali.

Dan huwa inkonformita` mad-dicitura fid-dritt Ruman illi *"accessorium non ducit, sed sequitur suum principale."*

Ghalhekk ladarba l-artikolu 63 tal-Kap. 65 jaghti d-dritt ta' appell mid-disposizzjonijiet tar-regolamenti tal-Ordinanza Dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku u la l-A.L 476/04 gie fis-sehh bl-artikolu 54 tal-Ordinanza Dwar ir-Regolamenti tat-traffiku kwindi ghandu jsegwi illi kwalunkwe ksur tal-istess A.L. jigi soggett ghall-appell mill-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-eccezzjoni tan-nullita` kif imqajjma mill-appellata fil-verbal tat-18 ta' Jannar, 2010 u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-meritu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------